

Victor Caruana B.A.(Hons),
MA Storja tal-Arti.

# It-Teknika tal-Kartapesta Maltija u Carlo Darmanin (1825-1909)

**Din is-sena, r-raħal ta' Ħal Lija qed jiċċelebra l-150 sena minn mindu ġiet imżanżna l-vara titulari tal-patrun tiegħu – *It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesu`*. Fl-1864, dan il-kapolavur tal-istatwarju Carlo Darmanin immarka perjodu mportanti fl-istorja tal-kartapesta Maltija minħabba li ddetermina darb'għal dejjem il-livell għoli t'arti li tista' tintlaħaq b'din it-teknika ta' oriġini umli. Meta żżanżnet il-vara tas-*Salvatur*, mhux biss ħadet spinta kbira 'l quddiem il-karriera ta' Darmanin li wera l-kapaċitajiet artistiċi tiegħu, iżda kibret ukoll il-popolarita` tal-kartapesta f'pajjiżna li aktar m'għadda ż-żmien, aktar bdiet tkun alternattiva għall-vari fl-injam li tant kienu mfittxija fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax.**

Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, kienet saret xi ħaġa mistennija li l-knejjes parrokkjali jkollhom il-vara titulari tagħhom sabiex din tkun il-punt prinċipali tal-purċissjonijiet li kienu jsiru. Il-vara titulari kienet meqjusa li tagħmel il-festa kompluta u kienet issaħħaħ is-sens ta' identita` fil-lokalita` partikolari filwaqt li żżid l-imħabba u d-devozzjoni lejn il-padrun. Dan l-impatt kien ikun aktar b'saħħtu jekk il-vara tkun ta' livell artistiku għoli u għalhekk kienu jaraw li jiġi mqabbad l-aqwa artist possibbli sabiex joħloq l-aktar xbiha simbolika u mportanti tar-raħal. Matul is-seklu dsatax, it-teknika tal-kartapesta kienet qed tikber fil-popolarita` tagħha u saret il-mezz li bih saru l-maġġoranza tal-vari u statwi li naraw fil-festi sajfin.

Il-kartapesta hija waħda mill-aktar tekniki artistiċi antiki fid-dinja. Permezz tagħha, il-karta proċessata tintuża biex jinħolqu affarijiet oħrajn tridimensjonali. Din it-teknika bdiet fiċ-Ċina, fejn kienu jwebbsu l-karti b'passati ta' laker u jagħmlu saħansitra elmi għall-gwerrer.[1] L-interess f'dan il-metodu infirex sal-Ġappun u l-Persja fejn beda jintuża għal affarijiet varji, fosthom għall-ħidma ta' maskri, kaxxi mpittrin u anke għal elementi dekorattivi. Wara dan, il-kartapesta tfaċċat ukoll fis-swieq Ewropej u sas-sena 1670, kemm Franza kif ukoll l-Ingilterra bdew jipproduċu huma stess oġġetti magħmulin mill-kartapesta, sakemm fis-sekli tmintax u dsatax, l-użu tagħha infirex aktar u sar popolari mmens.

F'Malta, l-ogħla forma tat-teknika tal-kartapesta tinsab fil-ħidma tal-istatwi li nsibu fil-knejjes u fit-toroq tal-irħula tagħna fil-ġranet tal-festi. Din it-teknika hekk kif użata fil-forma tal-arti sagra figurattiva waslet f'pajjiżna minn Sqallija u żviluppat u kibret indipendentament minn dik tal-ġirien tagħna.[2] Il-kartapesta Maltija tinħadem billi l-ewwel, l-istatwarju jaħdem il-figura biċċa biċċa fit-tafal. Wara, huwa jdaħħal pjanċi rqaq fit-tafal u b'hekk ikun

1 Instabu eżempji minn dawn li jmorru lura għad-dinastija Han li tkopri s-snin 202 QK u 220 WK.

2 Għal aktar informazzjoni fuq it-teknika tal-kartapesta Maltija u d-differenza bejnha u dik ta' Lecce, ara Victor Caruana, *The Art of Papier-mache` in Malta between the $19^{th}$ and early $20^{th}$ centuries: Technical and Art Historical Considerations*, pp. 13,14, teżi tal-M.A. mhux ippublikata u ppreżentata lill-Programm tal-Istorja tal-Arti, Fakulta` tal-Arti fl-Universita` ta' Malta, Ottubru 2005. Din it-teżi kienet saret taħt is-supervizjoni ta' Dr. Keith Sciberras.

issepara l-parti ta' quddiem minn ta' wara tal-biċċa partikolari tal-korp li jkun qed jaħdem. Kif dan il-proċess ikun lest, huwa jitfa' l-ġibs fuq it-tafal sabiex joħloq il-forma li, wara li tinxef u l-istatwarju jaqla' l-biċċiet ta' wara u ta' quddiem u jneħħi t-tafal minnha, tkun lesta biex titpoġġa l-kartapesta fiha. Il-kartapesta tkun ġiet ippreparata minn qabel billi l-karti jkunu ġew imħakka, għal aktar irfinizza, u mxarrba sakemm isiru qishom sustanza semi-solida. Din imbagħad titpoġġa fuq il-forma tal-ġibs, u titħalla hemm sakemm tinxef u ssir qisha kartuna iebsa.

Hekk kif l-istatwarju jaqla' l-biċċiet kollha, jkun irid jgħaqqad iż-żewġ biċċiet ta' kull parti tal-korp flimkien u mbagħad jibda jifforma l-qagħda u l-pożizzjoni tal-figura partikolari madwar l-anima, li tkun magħmula minn seratizz tawwali li jeħel mal-pedata li fuqha tkun ser titpoġġa l-istatwa. Wara li l-persunaġġ ikun ħa l-qagħda tiegħu, l-artist jibda jlibbsu u joħroġ il-pjiegi mixtieqa permezz ta' xkejjer li jkunu ingħataw kisja ta' kolla tal-fenek u ġibs Ingliż. Kif dawn jibbiesu, l-figura sħiħa tingħata mas-seba' kisjiet ta' ġibs verġni li mbagħad iridu jkunu jiġu xkatlati sabiex l-istatwa tkun fina kemm jista' jkun. Kif dan il-proċess twil ikun lest, l-istatwarju jagħti ż-żebgħa lill-istatwa sakemm fl-aħħar din tkun lesta bid-dettallji kollha tagħha.

**L-Istorja tal-Vara tas-Salvatur**

Għall-Lijani, l-għażla dwar min kien ser jitqabbad sabiex isawwar il-vara titular tagħhom ma kienetx xi waħda faċli. Fil-fatt, jingħad li kienet saret kompetizzjoni sabiex artisti u statwarji jippreżentaw abbozz sabiex minnu tintgħażel l-aħjar kompożizzjoni għall-vara l-ġdida. Sfortunatament, s'issa ma nstabet l-ebda prova bl-iswed fuq l-abjad li din il-kompetizzjoni saret tassew u lanqas instabet informazzjoni dwar min kienu l-artisti li pparteċipaw u/jew kif kienu l-abbozzi li ppreżentaw. Li hu żgur huwa li l-għażla dwar min kellu jagħmel il-vara titulari ta' dan ir-raħal waqgħet fuq l-istatwarju Carlo Darmanin, li aktar tard matul is-seklu in kwistjoni kellu jsir l-aktar artist sinonimu mal-vari fil-kartapesta. Fl-1864 huwa kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu u x-xbihat li kien sawwar sa dak iż-żmien ma kienux ta' xi livell artistiku kbir. Madanakollu, r-reputazzjoni li kellu fil-qasam tax-xogħol fl-irħam u l-abbozz oriġinali li ppreżenta kienu determinanti sabiex hu jirbaħ din il-kummissjoni prestiġġjuża. Dan sar, pero`, wara li kellu jippreżenta abbozz ieħor wara dak li ppreżenta uffiċjalment fil-kompetizzjoni msemmija ma kienx prattikabbli sabiex jinħadem f'vara proċessjonali.



L-ewwel abbozz ta' Carlo Darmanin, li llum jinsab fil-Mużew tal-Parroċċa ta' Ħal Lija, kien juri l-figura ta' Ġesu` Salvatur liebes l-abjad b'Mose` u Elija mtajjrin maġenbu, wieħed fuq kull naħa. Taħt dawn it-tliet figuri, kien hemm imbagħad l-appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni bilqegħda mal-art u jħarsu 'l fuq lejn dik id-dehra li kienet qed timmanifesta ruħha quddiemhom. Wara li mmodifika din il-kompożizzjoni hekk kbira – probabbilment frott ir-rieda tal-istatwarju li jimpressjona l-kummissjonanti ta' din il-biċċa xogħol importanti – l-abbozz finali spiċċa sabiex juri biss it-tliet figuri prinċipali ta' Ġesu`, Mose` w Elija. Interessanti nsemmu li l-figuri tat-tlitt appostli ma ġewx eliminati kompleta-

ment għax huma mhux biss jinsabu murija fil-parti ċentrali tal-pedestall tal-vara permezz ta' altro-riljiev iżda wkoll darba fis-sena, huma jingħaqdu mal-vara titulari kif kien oriġinarjament ippjanat billi ġew maħduma fi statwi tal-kartapesta separati li jitpoġġew fuq iz-zuntier tal-knisja (San Ġakbu u San Ġwann) u fin-nofs tal-pjazza (San Pietru) bħala parti mill-armar estern tar-raħal. Fil-fatt, meta l-istess Carlo Darmanin ħadem dawn ix-xbihat probabbilment lejn il-bidu tas-seklu dsatax,[3] huwa tahom qagħda u pożizzjoni bħallikieku qegħdin jgħattu wiċċhom minn dawl qawwi, proprju kif deskritt fil-vanġelu fl-okkażjoni tat-trasfigurazzjoni ta' Ġesu` fuq it-Tabor.

**Carlo Darmanin**



Carlo Darmanin twieled l-Isla fit-30 t'Awwissu 1825, f'familja li kienet il-proprjetarja tad-ditta *Giuseppe Darmanin e Figli*. Din kienet timporta l-irħam u l-granit u tipproduċi bosta xogħlijiet bħal monumenti, statwi, oqbra, kolonni, balavostri u pavimentar kemm għall-knejjes u anke għall-kummissjonijiet tal-gvern Ingliż. Id-ditta *G. Darmanin e Figli* ħadet sehem f'bosta wirjiet barra minn Malta fosthom l-"*Exhibition of the Works of Industry of All Nations*" li saret fl-1851 fil-Crystal Palace ta' Londra, l-"*Paris Exhibition*" tal-1854, 1862 u l-1867 u l-"*Colonial & Indian Exhibition*" tal-1886 fejn rebħet bosta medalji għax-xogħol ta' kwalita` għolja u preċiżjoni li pproduċiet.[4] Minkejja dan is-suċċess li gawda mal-familja tiegħu u anke meta fetaħ il-kumpanija *Carlo Darmanin e Figlio* ma' ibnu Cesare,Carlo baqa' magħruf l-aktar għall-istatwi tal-kartapesta li ħadem matul il-karriera twila tiegħu.

L-istatwi u l-vari li tant baqa' magħruf għalihom huma ġeneralment magħmula fi stil Purista bi ftit ħjiel ta' Romantiċiżmu, kif kien popolari f'dawk iż-żminijiet u fejn l-importanza kienet tingħata l-aktar fuq l-aspett devozzjonali tal-figuri. Carlo Darmanin kien jaħdem il-kartapesta bil-mod tradizzjonali Malti[5] iżda t-teknika tiegħu kellha xi karatteristiċi li jiddistingwuha minn dik ta' statwarji oħrajn. Tendenza partikolari tiegħu kienet il-mod li bih kien iwaħħal iż-żewġ nofsijiet tal-partijiet tal-korp tal-istatwa, fejn kien juża biċċiet irqaq ta' xoqqa jew tila bil-kolla fuq ix-xquq. Huwa kien japplika wkoll kisja ħoxna ta' ġibs fuq il-kartapesta tiegħu biex ix-xogħol jiġi aktar b'saħħtu, filwaqt li kien isammar l-anima tal-istatwa mal-pedata tagħha. It-tul tal-personaġġi fl-istatwi ta' Carlo jvarjaw fil-qies tagħhom. L-aktar qies komuni kien dak ta' ħames piedi u tmien pulzieri, bl-irjus ikollhom tul ta' tmien pulzieri. Eżempji ta' vari b'dan il-qies jinkludu lil *Kristu fl-Ort* fil-parroċċa ta' Bormla u l-*Veronika* fil-Mosta. Insibu wkoll statwi b'tul ta' sitt piedi, bħal ma hi l-vara tat-*Tradiment ta' Ġuda* f'Ħal Qormi. F'ċertu każi, Carlo Darmanin kien jipproduċi wkoll statwi ta' tmien pie-

---

3 Id-data eżatta ta' meta nħadmu dawn l-istatwi mhijiex magħrufa. Li hu żgur hu li fl-1904 iżżanżnu tliet statwi tal-appostli għall-festa ta' Ħal Lija hekk kif insibu fil-ġurnal *Malta Tagħna* tas-7 ta' Lulju 1906. L-istess sors jgħid li żżanżnu tlieta oħra fl-1905. Sfortunatament ma jintqalx liema appostli kienu ġew maħduma f'dawn id-dati. Madanakollu, il-ġurnal isemmi l-appostli li kienu ser jiżżanżni f'dik is-sena stess (1906). Dawn kienu San Mattew, Ġuda Taddew, Ġakbu ż-Żgħir u Bartilmew.

4 Michael Ellul, *History on Marble: a Corpus of Inscriptions in the Presidential Palaces of Valletta, San Anton and Verdala, Malta*, Malta 1998, pp.57-60.

5 V.Caruana, 2005, pp13,14.

di. Dawn kienu jissejjħu 'kolossali' u ġeneralment kienu jinkludu statwi li kienu jitpoġġew fit-toroq fil-ġranet tal-festi. Fost dawn insibu l-istatwi ta' *Kostantinu l-Kbir* f'Birkirkara (festa ta' Santa Liena) u Ġuditta fin-Naxxar. Il-polikromija, jew kulur, tal-istatwi ta' Carlo Darmanin kienet pjuttost ċara – riżultat tal-influwenza Vittorjana ta' dawk iż-żminijiet – u kienu jkunu magħmula minn bjankett, kuluri tat-trab kif ukoll kuluri taż-żejt.

L-istatwi ta' Darmanin huma ddominati minn ċertu ħlewwa, li tiġi murija mill-pożi eleganti u delikati tal-figuri u enfasizzata bl-uċuħ fini u raffinati u t-tbissima ħelwa tagħhom. Min-naħa l-oħra, għandhom ukoll mudellatura tajba bi pjiegi puliti li huma mpoġġija fuq il-figura b'mod naturali u li juru l-anatomija li hemm taħthom.

Ħarsa lejn it-tipoloġija tal-uċuħ użati fl-istatwi ta' Carlo Darmanin turi li kien jagħmel użu mill-istess fattizzi Romantiċi għal kull ġeneru. B'hekk naraw li l-figuri femminili għandhom uċuħ ovali, ħalq żgħir, b'geddum zgħir u tond u kpiepel tal-għajnejn ħoxnin. Ix-xagħar huwa ġeneralment twil u folt, b'ferq fin-nofs jew bi troffa wieqfa fuq quddiem. Il-personaġġi maskili għandhom wiċċ aktar trijangolari, u fejn ikun il-każ, b'daqniet goffi u nnukklati. Figuri ta' tfal u puttini huma kkaratterizzati minn uċuħ tondi, moħħ kbir, ħaddejn impaħpħin u xagħar qasir li spiss ikun innukklat.[6]

L-ewwel vari ta' Carlo Darmanin huma kkaratterizzati minn ċertu rfinezza u delikatezza fil-ħidma tagħhom, fejn jispikkaw id-dettallji fil-ħidma tax-xagħar u l-mudellatura tal-figuri. Probabbilment, l-iskop għal dan kien li l-istatwarju xtaq jilħaq livell fix-xogħol tiegħu li jkun simili għal dak tal-istatwi li kienu qed jiġu mportati minn barra u għal dawk li kienu ġew - jew kienu qed jiġu maħduma - minn skulturi Maltin fl-injam. Jidher li wara li Darmanin beda jagħmel isem għalih inniffsu f'din l-arti, huwa warrab dik l-inċertezza u biża' mix-xogħol barrani u beda joħroġ aktar it-timbru tiegħu f'xogħlu. Dan ifisser li d-dettallji twarrbu u bdew jiġu enfasizzati aktar dawk l-elementi li ssemmew aktar 'l fuq, bħax-xagħar bit-troffi kbar u l-panneġġi kbar, wiesa u naturali fl-ilbies. Jista' jagħti l-każ ukoll li dan il-fattur ħareġ aktar fl-artist meta beda jipproduċi l-istatwi għall-barra fl-użu għall-festi Maltin, fejn dawn jiġu armati fuq pedestalli u kolonni għoljin u allura d-dettallji jintilfu. L-istatwarju għalhekk seta' ra li l-aktar ħaġa mportanti ma baqax id-dettall imma l-aspett ġenerali tal-istatwa.

Carlo Darmanin miet fis-26 ta' Novembru 1909, fl-eta` ta' 84 sena fid-dar tiegħu fil-Ħamrun u jinsab midfun fil-qabar tal-Fratellanza tas-Santissima Trinita` tal-Isla, fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'qabar numru 67. Il-mewt ta' Carlo ġabet magħha t-tmiem ta' karriera artistika li tat kontribut enormi fl-arti sagra tal-iskultura f'pajjiżna u permezz tiegħu, it-teknika tal-kartapesta f'Malta ingħatat apprezzament ġdid u anke esperjenzat l-aktar perjodu popolari tagħha. Permezz ta' dan l-istatwarju, it-teknika tal-kartapesta f'Malta ingħatat apprezzament ġdid u permezz t'hekk, esperjenzat l-aktar perjodu popolari tagħha. B'ħidmietu u l-istil li kien iħaddan, Carlo għaqqad u bbilanċja l-interess tal-popolin - li kien qiegħed dejjem jinvolvi ruħu f'eżekuzzjonijiet t'oġġetti artistiċi, fosthom statwi – u l-gosti artistiċi tal-knisja, li kienet tapprova l-elementi Puristiċi u devozzjonali fl-istatwi ta' Darmanin. Madanakollu, xi kultant dan kien iwassal biex ċertu statwi kienu jkunu pjuttost medjokri u melodrammatiċi

6 Dawn il-karatteristiċi ġew addattati għall-pittura minn Giuseppe Calì (1846-1930) li l-karriera artistika tiegħu fl-eżekuzzjoni ta' pittura sagra bdiet xi għaxar snin wara dik ta' Carlo Darmanin.

minħabba l-enfażi qawwija fuq il-ħlewwa ġenerali tagħhom. Jibqa' l-fatt, pero`, li Carlo Darmanin baqa' l-isem sinonimu mal-kartapesta Maltija mhux biss minħabba xogħlu imma anke minħabba l-influwenza li ħalla f'din il-fergħa tal-arti wara mewtu. Dan permezz tal-alljievi Carmelo Mallia "il-Lhudi" (1880-1931) u Ġiuseppi Cilia "il-Bellettu", li baqgħu jużaw il-forom u l-istil tax-xogħol tiegħu sal-ewwel għexieren ta' snin tas-seklu għoxrin.

**Analiżi Kritika tal-Vara tas-Salvatur**

Minbarra l-fatt li l-istil li kien juża Carlo Darmanin fl-istatwi tiegħu kien jappella għall-poplu u għalhekk sar popolari mmens, fejn seta' huwa kien oriġinali fil-kompożizzjonijiet tiegħu – ħaġa li kompliet żiedet il-popolarita` tiegħu f'pajjiżna u anke barra minn xtutna.[7] Naraw kif meta ħadem l-istatwa tat-*Trasfigurazzjoni*, huwa mhux biss irnexxielu joħloq xena diffiċli li qabel kienet ġiet murija biss fil-pittura iżda wieħed jista' jimmaġina l-ammirazzjoni tan-nies meta raw dawk il-figuri mtajjrin fuq is-sħab, b'saqajhom mgħollijin, ma jżommu ma xejn u saħansitra ħerġin aktar 'l barra mill-pedestall – abilta` teknika li daqsha ma kienx għadu deher f'pajjiżna sa dawk iż-żminijiet tas-seklu dsatax, lanqas fir-rappreżentazzjonijiet ta' Kristu Rxoxt.[8] Il-pittur Giuseppe Calleja faħħar il-vara tat-*Trasfigurazzjoni* f'wieħed mill-artikli tiegħu fir-rivista *'L'Arte'*, anke qabel din ix-xbiha kienet ġiet imżanżna.[9] Calleja jsemmi l-moviment drammatiku iżda dinjituż ta' Ġesu` u l-pożizzjonijiet tal-figuri l-oħra. Huwa jgħid li dan kien dovut għall-gosti tajbin li kellu Darmanin u anke jfaħħar l-imħabba tal-istatwarju lejn l-arti tiegħu. Ifaħħar ukoll il-moviment u l-panneġġ tal-ilbies u l-polikromija pallida u ċara tal-figuri.

L-ikonografija ta' din it-tema għandha bħala l-prototip il-pittura ta' Raffaello li tinsab fil-'Pinacoteca Vaticana' fil-Vatikan u li minnha Darmanin jidher li ispira ruħu. Din mhijiex xi ħaġa kbira, speċjalment meta wieħed iqis li f'dan il-perjodu tas-seklu dsatax, kien hemm moviment artistiku li kien jissejjaħ bħala l-Pri-Raffaeliti, fejn l-ispirazzjoni tagħhom kienet ġejja mill-istil devozzjonali, nadif u delikat ta' Raffaello. Ir-riferenza lejn ix-xogħol ta' dan il-pittur Rinaxximentali jidher ċar mill-kompożizzjoni ġenerali trijangolari tat-tliet figuri u mill-pożi tagħhom.



Il-figura ċentrali ta' Kristu fil-vara ta' Darmanin tispikka, kif qal il-pittur Giuseppe Calleja, fis-sens ta' moviment li għandha – moviment trijonfali u dinjituż li qiegħed mhux biss fil-qagħda imma anke fit-tqegħid tal-panneġġi tal-libsa u l-mant bajdana tiegħu. Il-ħarsa u l-modellatura tas-swaba ta' Kristu juru ċerta rfinezza u delikatezza fix-xogħol li l-vari bikrija ta' Darmanin huma kkaratterizzati bihom. Il-ħarsa tiegħu, bil-kontra tar-rappreżentazzjoni Vatikana, mhijiex 'l fuq lejn is-smewwiet iżda tinsab baxxuta 'l isfel bħalikieku Kristu qiegħed f'taħdita ma'

7 Fost l-istatwi li Carlo Darmanin ħadem għal barra minn Malta, nsibu l-*Madonna ta' Pompeii* għal knisja f'Alessandria (l-Eġittu) u d-*Duluri* għall-Kattidral ta' Tunes.

8 Ir-rappreżentazzjoni ta' Kristu Rxoxt hija l-aktar suġġett fejn il-poża tirrikkjedi qagħda ta' bniedem maqtugħ mill-art.

9 *L'Arte*, Nru.40, 7 ta' Lulju 1864.

Mose` li qiegħed fuq il-lemin tiegħu. Din il-figura ta' Mose`, flimkien ma' dik pariġġa li tirrappreżenta lill-profeta Elija, tinsab mtajjra fuq is-sħab filwaqt li qed tħares b'qima u għaġeb lejn ix-xena tal-figura divina ta' Kristu. Dawn il-personaġġi li qed jakkumpanjaw lil Kristu f'din il-vara jixbħu aktar lil dawk fil-pittura msemmija aktar 'l fuq kif wieħed jista' jara mir-riġel mgħolli tagħhom u kif dan il-moviment qed jiġi enfażizzat mill-panneġġi angolari ta' lbieshom u mill-mod kif qed iżommu t-twavel bil-kmandamenti u l-ktieb rispettivament. Peress li din ir-rappreżentazzjoni pjuttost simetrika ġiet addattata għal vara, Darmanin poġġa lit-tlitt figuri aktar qrib ta' xulxin u ta lill-figuri sekondarji pożizzjoni aktar frontali. Dan wassal sabiex tinħoloq ċertu affinita` fil-konverżazzjoni li għaddejja bejniethom u l-figura dinjituża ta' Kristu tispikka aktar mhux biss minħabba l-libsa bajda li liebes, iżda wkoll għax qiegħed aktar 'l fuq minn Mose` u Elija li, min-naħa tagħhom, qegħdin iħarsu lejh u allura jixħtu l-attenzjoni tal-ispettatur fuq Kristu.

**Konklużjoni**

Il-mewt ta' Carlo Darmanin f'Novembru tal-1909 ġabet magħha t-tmiem ta' karriera artistika li tat kontribut enormi fl-arti sagra tal-iskultura f'pajjiżna. L-istil tiegħu ħalla mpatt kbir fuq il-gosti artistiċi tal-poplu Malti tant li l-allievi tiegħu Carmelo Mallia u Giuseppe Cilia – li kien ukoll is-suċċessur tiegħu u li wiret il-bottega tal-imgħallem – komplew jaħdmu vari u statwi simili għal dawk li kien jipproduċi Darmanin, anke bl-użu tal-istess forom.

Il-vara tat-*Trasfigurazzjoni*, min-naħa l-oħra, baqgħet dejjem tiġi meqjusa bħala l-kapolavur ta' dan l-istatwarju prolifiku Malti. Matul is-snin, saru bosta nterventi ta' konservazzjoni u restawr fuqha. Fl-1946, Giuseppe Mallia ta' Coleiro Gilders tal-Belt Valletta għamlu l-induratura li naraw fil-ħwejjeġ tal-figuri għas-somma ta' erba' u erbgħin lira li tħallset minn Carmelo Xerri, kuntrattur minn Ħal Lija.[10] Fl-istess sena, l-istess Carmelo Xerri kien il-benefattur ukoll tal-intervent li sar fuq il-polikromija tax-xbiha mill-iskultur Francesco Saverio Sciortino, li kien tħallas erbgħin lira.[11] L-aħħar intervent fuq il-vara sar fl-1984 mill-istatwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi. Sfortunatament jidher li f'dan l-intervent inbidlet xi ftit id-dehra tal-vara minħabba li minflok li l-vara ġiet restawrata u/jew miżbugħa mill-ġdid, żdiedu xi affarijiet bħal m'huma l-vini fl-għonq, l-idejn u s-saqajn tal-figuri u ż-żieda ta' polikromija skura fil-fond tal-panneġġi tal-ilbies, tad-daqna u x-xagħar tagħhom.[12]

Il-poplu ta' Ħal Lija għandu tassew iħossu xxurtjat li għandu l-kapolavur ta' Darmanin bħala parti mill-wirt artistiku tar-raħal tiegħu. Ħaqqu tifħir ukoll talli matul is-snin, dejjem ra kif jieħu ħsieb bl-aħjar mod possibbli din ix-xbiha daqshekk sinjifikattiva fil-qasam tal-istorja tal-arti figurattiva sagra f'Malta. Jalla dawn iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali fl-okkażjoni tal-150 sena mill-wasla ta' din il-vara f'Ħal Lija jservu sabiex il-poplu jsir aktar konxju tal-importanza ta' din ir-rappreżentazzjoni sabiħa u unika f'pajjiżna.

10 *Arkivji Parrokkjali* Ħal Lija, Korrispondenza, LXX, 8 ta' Ġunju 1946.

11 *Arkivji Parrokkjali Ħal Lija*, Korrispondenza, LXXL, 11 ta' Ġunju 1946.

12 Carmel Bianchi, 'Restawrat is-Salvatur ta' Ħal Lija', *In-Nazzjon Tagħna*, 4 t'Awwissu 1984, p.7.

■